**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tiċħad l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nu 11 589 082 fir-rigward ta' prodotti u servizzi fil-klassijiet 16 u 41 li huma s-suġġett tal-oppożizzjoni;

— tannulla d-deċiżjoni korrispondenti adottata mid-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-UASI tat-28 ta' Lulju 2014 (Każ B 2 197 401) sa fejn id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni laqgħat l-oppożizzjoni intiża sabiex l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 11 589 082 tiġi miċħuda.

— tiċħad l-oppożizzjoni mressqa fis-7 ta' Ġunju 2012 kontra l-applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru° 11 589 082 kollha kemm hi;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

— id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni u l-Bord tal-Appell ma ħadux inkunsiderazzjoni l-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti Ġenerali u tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-impressjoni ġenerali prodotta mis-sinjali għandha tiġi evalwata billi wieħed jara t-trade mark ikkontestata fit-totalità tagħha, mingħajr ma jeżamina d-diversi dettalji tagħha.

---

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Settembru 2015 – Deutsche Post vs UASI – Verbis Alfa (InPost)**

**(Kawża T-537/15)**

(2015/C 371/42)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Deutsche Post (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Viefhues u T. Heitmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Verbis Alfa sp. z o.o. (Krakau, il-Polonja), EasyPack sp. z o.o. (Krakau, il-Polonja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikanti tat-trade mark ikkontestata:* il-partijiet l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva "InPost" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 049 558

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Ġunju 2015 fil-Każ R 546/2014-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tiċħad l-appell tar-rikorrenti għal servizzi identiċi;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fis-17 ta' Settembru 2015 – Regent University vs UASI – Regent's College (REGENT UNIVERSITY)**

**(Kawża T-538/15)**

(2015/C 371/43)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Regent University (Virginia Beach, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: D. Wilkinson, Solicitor u E. Himsworth, Barrister)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Regent's College (Londra, ir-Renju Unit)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* ir-rikorrenti

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja verbali "REGENT UNIVERSITY" – Trade mark Komunitarja Nru 4 711 594

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tas-6 ta' Lulju 2015 fil-Każ R 1859/2014-2